DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1251

tat-12 ta' Lulju 2016

li tadotta programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' dejta fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakoltura għall-perjodu 2017-2019

(notifikata bid-dokument C(2016) 4329)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 199/2008, programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd irid jiġi adottat għal perjodu ta' tliet snin għall-fini tal-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tal-obbligu tal-ġbir u tal-ġestjoni tad-dejta.

(2) Il-programm multiannwali attwali tal-Unjoni huwa bbażat fuq il-programm multiannwali għall-perjodu 2011-2013, li ġie mtawwal bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2013)5243 sabiex jinkludi l-perjodu bejn l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u l-31 ta' Diċembru 2016. Għalhekk jeħtieġ li jiġi stabbilit programm multiannwali tal-Unjoni għal perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2017.

(3) Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd. Il-programm multiannwali tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-Istati Membri biex jispeċifikaw u jippjanaw l-attivitajiet tal-ġbir tad-dejta tagħhom fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) dawn il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru tas-sena qabel is-sena li minnha jrid japplika l-pjan ta' ħidma.

(4) Il-programm multiannwali tal-Unjoni għandu jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-ġbir tad-dejta skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Għandu jkun fih l-elementi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd sakemm mhumiex diġà meħtieġa skont oqfsa leġiżlattivi oħra.

(5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd irriformata, stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jeħtieġ li jiġu aġġornati r-rekwiżiti tad-dejta tal-Unjoni għal parir xjentifiku siewi għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2017.

(6) Barra minn hekk, l-obbligi u l-impenji internazzjonali ġodda imposti fuq l-Istati Membri u l-Unjoni permezz ta' ftehimiet multilaterali u bilaterali fir-rigward tas-sajd jeħtieġu l-inkorporazzjoni ta' ċerti rekwiżiti li jikkonċernaw il-ġbir tad-dejta fil-programm multiannwali tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs).

([1]) ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

(7) L-evalwazzjoni tal-qafas attwali għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u l-konsultazzjonijiet sussegwenti mal-partijiet ikkonċernati indikaw li l-programm multiannwali tal-Unjoni għandu jiffoka fuq liema dejta hija meħtieġa mingħand l-Istati Membri, aktar milli fuq il-metodi tal-ġbir tad-dejta. Ir-rekwiżiti metodoloġiċi għandhom jiġu deskritti fil-pjanijiet ta' ħidma tal-Istati Membri li jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni, wara kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri fil-livell tar-reġjuni marittimi.

(8) Għalhekk, il-programm tal-Unjoni għall-perjodu 2017-2019 għandu jqis dawn l-elementi kollha u l-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 25 tiegħu, kemm jista' jkun fil-qafas legali attwali previst bir-Regolament (KE) Nru 199/2008. Meta r-rekwiżiti tad-dejta jmorru lil hinn mill-qafas leġiżlattiv attwali, dawn għandhom ikunu fakultattivi. Meta jidħol fis-seħħ qafas legali ġdid li jemenda r-Regolament (KE) Nru 199/2008, il-Kummissjoni tista' temenda l-programm multiannwali tal-Unjoni, jekk dan ikun meħtieġ, sabiex tirrifletti kwalunkwe rekwiżit ġdid tal-ġbir tad-dejta.

(9) Il-Kummissjoni qieset ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn konsultazzjoni mal-Laqgħat ta' Koordinazzjoni Reġjonali msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 199/2008 u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Korpi xjentifiċi konsultattivi xierqa oħra bħall-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ġew ikkonsultati wkoll, kif ukoll rappreżentanti tal-Istati Membri miġbura fi gruppi ta' esperti ddedikati.

(10) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2013)5243 għandha titħassar.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd għall-perjodu 2017-2019, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 199/2008, huwa stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2013)5243 titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2017.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan l-Anness għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]), fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([2]) u fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) **Bastimenti attivi**: bastimenti li jkunu wettqu xi operazzjoni tas-sajd matul sena kalendarja (jum jew iktar). Bastiment li ma jkunx wettaq operazzjonijiet tas-sajd matul sena jitqies "mhux attiv".

(2) **Speċijiet anadromi**: riżorsi akkwatiċi ħajjin b'ċiklu tal-ħajja li jibda billi dawn ifaqqsu fl-ilma ħelu, ipassu lejn l-ilma baħar, jerġgħu lura u finalment jirriproduċu fl-ilma ħelu.

(3) **Speċijiet katadromi**: riżorsi akkwatiċi ħajjin b'ċiklu tal-ħajja li jibda billi dawn ifaqqsu fl-ilma baħar, ipassu lejn l-ilma ħelu, jerġgħu lura u finalment jirriproduċu fl-ilma baħar.

(4) **Frazzjoni tal-qabda**: parti mill-qabda totali, bħall-parti mill-qabda li tkun inħattet u li tkun aktar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, il-parti li tkun inħattet u li tkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, il-parti skartata u li tkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, il-qabdiet skartati *de minimis* jew il-qabdiet skartati.

(5) **Jiem fuq il-baħar**: kull perjodu kontinwu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu bastiment ikun preżenti f'żona u assenti mill-port.

(6) **Jiem ta' sajd**: kwalunkwe jum kalendarju fuq il-baħar li fih isseħħ operazzjoni tas-sajd, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Vjaġġ wieħed tas-sajd jista' jikkontribwixxi kemm għas-somma tal-jiem tas-sajd għall-irkaptu passiv kif ukoll għas-somma tal-jiem tas-sajd għall-irkaptu attiv fuq dak il-vjaġġ.

(7) **Post għas-sajd**: (grupp ta') unitajiet ġeografiċi li fihom iseħħ is-sajd. Dawn l-unitajiet għandu jsir qbil dwarhom fil-livell tar-reġjun marittimu abbażi ta' żoni eżistenti ddefiniti mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd jew minn korpi xjentifiċi.

(8) **Segment tal-flotta**: grupp ta' bastimenti tal-istess klassi ta' tul (LOA, tul totali) u rkaptu tas-sajd predominanti matul is-sena.

(9) **Mestier**: grupp ta' operazzjonijiet tas-sajd li jimmira għal (ġabra ta') speċijiet simili, billi jintuża rkaptu simili ([4]), matul l-istess perjodu tas-sena u/jew fl-istess żona u li jkun ikkaratterizzat minn mudell simili ta' sfruttament.

(10) **Stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar**: vjaġġi mwettqa fuq bastiment tar-riċerka, jew fuq bastiment iddedikat għar-riċerka xjentifika għall-monitoraġġ tal-istokkijiet u tal-ekosistema, u mqabbad jagħmel dan il-kompitu mill-korp inkarigat mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma nazzjonali stabbilit skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 404/2011.

KAPITOLU II

Metodi għall-ġbir tad-dejta

Il-metodi għall-ġbir tad-dejta u l-kwalità għandhom ikunu xierqa għall-finijiet maħsuba u ddefiniti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għandhom isegwu l-aħjar prattiki u l-metodoloġiji rilevanti skont il-parir tal-korpi xjentifiċi rilevanti. Għal dan l-għan, il-metodi u r-riżultat tal-applikazzjoni tal-metodi għandhom jiġu eżaminati f'intervalli regolari minn korpi xjentifiċi indipendenti sabiex tiġi vverifikata l-adegwatezza tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

KAPITOLU III

Rekwiżiti tad-dejta

1. **Settijiet ta' dejta**

1.1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, bħala parti mill-pjanijiet ta' ħidma mfassla skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, id-dejta li trid tinġabar fost dawn is-settijiet li ġejjin kif speċifikat fil-punti 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu:

(a) Dejta bijoloġika, skont il-frazzjoni tal-qabda, dwar l-istokkijiet maqbuda minn sajd kummerċjali tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-Unjoni u minn sajd rikreattiv fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(b) Dejta biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd tal-Unjoni fuq l-ekosistema tal-baħar fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni;

(c) Dejta ddettaljata dwar l-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni kif irrappurtat skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(d) Dejta soċjali u ekonomika dwar is-sajd ([1]);

(e) Dejta soċjali, ekonomika u ambjentali dwar l-akkwakultura;

1.2. Id-dejta li trid tinġabar għandha tiġi stabbilita skont l-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 199/2008 u billi jitqiesu l-livelli limitu stabbiliti fil-Kapitolu V ta' dan l-Anness.

1.3. Id-dejta għandha tinġabar sabiex tippermetti li jittieħdu stimi validi għat-tipi ta' sajd, għall-perjodi temporali u għaż-żoni abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali maqbula fil-livell tar-reġjun marittimu. Il-frekwenza tal-ġbir tad-dejta trid tiġi kkoordinata fil-livell tar-reġjun marittimu, diment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'dan l-Anness u fit-tabelli korrispondenti.

2. **Dejta bijoloġika dwar l-istokkijiet maqbuda minn sajd kummerċjali tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-Unjoni u minn sajd rikreattiv fl-ilmijiet tal-Unjoni.**

Dik id-dejta għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) Kwantitajiet tal-qabdiet skont l-ispeċi u dejta bijoloġika minn eżemplari individwali li jippermettu l-istima ta':

(i) Għas-sajd kummerċjali, il-volum u l-frekwenza tat-tul tal-frazzjonijiet tal-qabdiet kollha (inkluż il-qabdiet skartati u l-qabdiet mhux mixtieqa) għall-istokkijiet elenkati fit-Tabelli 1 A, 1B u 1C, irrapportati fil-livell 6 ta' aggregazzjoni kif stabbilit fit-Tabella 2. Ir-riżoluzzjoni temporali għandha tiġi kkoordinata fil-livell tar-reġjun marittimu abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali;

(ii) Għas-sajd kummerċjali, il-piż medju u d-distribuzzjoni tal-età ta'qabdiet tal-istokkijiet elenkati fit-Tabelli 1 A, 1B u 1C. L-għażla tal-istokkijiet li minnhom iridu jinġabru dawn il-varjabbli u r-riżoluzzjoni temporali għandhom jiġu kkoordinati fil-livell tar-reġjun marittimu abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali;

([1]) Fuq bażi volontarja tista' tinġabar dejta dwar l-industrija tal-ipproċessar, f'liema każ jistgħu jintużaw is-segmentazzjoni u l-varjabbli fit-Tabella 11.

(iii) Għas-sajd kummerċjali, id-dejta dwar il-proporzjon tas-sessi, il-maturità u l-fekondità għall-istokkijiet elenkati fit-Tabelli 1 A, 1B u 1C ta' qabdiet fi frekwenzi meħtieġa għal parir xjentifiku. L-għażla tal-istokkijiet li minnhom iridu jinġabru dawn il-varjabbli u r-riżoluzzjoni temporali għandhom jiġu kkoordinati fil-livell tar-reġjun marittimu abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali;

(iv) Għas-sajd rikreattiv, il-volum annwali (in-numri, il-piżijiet jew it-tul) tal-qabdiet u tar-rilaxxi għall-ispeċijiet elenkati fit-Tabella 3 u/jew għall-ispeċijiet identifikati fil-livell tar-reġjun marittimu kif meħtieġ għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sajd. Għas-sajd rikreattiv fil-livell tar-reġjun marittimu, għandhom jiġu evalwati l-ħtiġijiet tal-utent finali għad-dejta dwar l-età jew għal dejta bijoloġika oħra kif speċifikat fil-paragrafi (i) sa (iii).

(b) Minbarra d-dejta miġbura skont il-punt (a), id-dejta dwar l-ispeċijiet anadromi u katadromi elenkati fit-Tabella 1E maqbuda mis-sajd kummerċjali matul il-parti taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom meta jkunu fl-ilma ħelu, irrispettivament mill-mod kif isir dan is-sajd, u kif ġej:

(i) varjabbli relatati mal-istokk (għal eżemplari individwali, dwar l-età, it-tul, il-piż, is-sess, il-maturità u l-fekondità, skont l-istadju tal-ħajja, imma speċifikati iżjed abbażi tal-ispeċijiet u tar-reġjun), u

(ii) kwantitajiet annwali tal-qabdiet skont il-klassi tal-età jew l-istadju tal-ħajja.

(c) Barra minn hekk:

fir-rigward tas-sallura, informazzjoni (eż. dejta, stimi, xejriet relattivi, eċċ.) miġbura fuq bażi annwali f'minn tal-inqas baċir tax-xmara wieħed għal kull unità ta' ġestjoni tas-sallura dwar:

(i) l-abbundanza tar-rekluti,

(ii) l-abbundanza tal-istokk permanenti (sallura safra), u

(iii) in-numru jew il-piż u l-proporzjon tas-sessi tas-sallura tal-fidda li tkun qed temigra,

u fir-rigward tas-salamun selvaġġ kollu: informazzjoni miġbura fuq bażi annwali — sakemm mhux maqbul mod ieħor fil-livell reġjonali — dwar l-abbundanza tas-smolt u l-parr u numru ta' individwi axxendenti.

Id-deżinjazzjoni tax-xmajjar li jridu jiġu mmonitorjati għas-sallura u għas-salamun għandha tiġi ddefinita fil-livell reġjonali. L-għażla tal-istokkijiet li minnhom iridu jinġabru dawn il-varjabbli għandha tiġi kkoordinata fil-livell reġjonali abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali.

3. **Dejta biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd tal-Unjoni fuq ekosistemi tal-baħar fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni**

Dik id-dejta għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) Għat-tipi kollha ta' sajd, il-qabdiet aċċessorji inċidentali tal-għasafar, tal-mammiferi u tar-rettili kollha u tal-ħut protett skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-ftehimiet internazzjonali, inkluż l-ispeċijiet elenkati fit-Tabella 1D, inkluż l-assenza fil-qabda, matul il-vjaġġi ta' osservazzjoni xjentifika fuq il-bastimenti tas-sajd jew mis-sajjieda stess permezz tal-ġurnali ta' abbord.

Meta d-dejta miġbura matul vjaġġi ta' osservazzjoni ma titqiesx li tipprovdi dejta suffiċjenti dwar il-qabdiet aċċessorji inċidentali għall-ħtiġijiet tal-utent finali, għandhom jiġu implimentati metodoloġiji oħra mill-Istati Membri. L-għażla ta' dawn il-metodoloġiji għandha tiġi kkoordinata fil-livell tar-reġjun marittimu u għandha tkun abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali.

(b) Id-dejta biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni fuq il-ħabitats tal-baħar.

Il-varjabbli li jintużaw għall-valutazzjoni tal-impatt tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar għandhom ikunu dawk irreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Id-dejta għandha tiġi diżaggregata fil-livell 3 ([1]) tal-attività tas-sajd, sakemm ma jkunx meħtieġ livell iktar baxx ta' aggregazzjoni fil-livell reġjonali, b'mod partikolari fil-każ taż-żoni protetti tal-baħar.

([1]) Ara t-Tabella 2.

Meta d-dejta rreġistrata skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ma tkunx bir-riżoluzzjoni korretta jew ma jkollhiex biżżejjed kwalità jew kopertura għall-użu xjentifiku maħsub, din għandha tingħabar b'mod alternattiv billi jintużaw il-metodi xierqa ta' kampjunar. Id-dejta kif irreġistrata skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 trid tkun disponibbli fil-livell xieraq ta' aggregazzjoni għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali li jkunu qed jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma.

(c) Id-dejta biex jiġi stmat il-livell ta' sajd u l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar, bħal pereżempju fuq l-ispeċijiet mhux kummerċjali, ir-relazzjonijiet bejn il-predaturi u l-priża u l-mortalità naturali tal-ispeċijiet ta' ħut f'kull reġjun marittimu.

Din id-dejta għandha tiġi vvalutata l-ewwel fi studji pilota. Abbażi tar-riżultati ta' dawn l-istudji pilota, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-ġbir futur ta' dejta li jkun speċifiku għal kull reġjun marittimu, ikkoordinat fil-livell tar-reġjun marittimu u abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali.

4. **Dejta ddettaljata dwar l-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni** [1] **fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni kif irreġistrat skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.**

Id-dejta biex tiġi vvalutata l-attività tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni tikkonsisti mill-varjabbli kif indikati fit-Tabella 4. Id-dejta kif irreġistrata, irrappurtata u trażmessa skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 trid tkun disponibbli bħala dejta primarja għall-istituzzjonijiet nazzjonali li jkunu qed jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma. Meta din id-dejta ma tkunx trid tingħabar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew meta id-dejta miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ma tkunx skont ir-riżoluzzjoni korretta jew ma jkollhiex biżżejjed kwalità jew kopertura għall-użu xjentifiku maħsub, din għandha tingħabar b'mod alternattiv billi jintużaw il-metodi xierqa ta' kampjunar. Dawn il-metodi għandhom jippermettu li jittieħdu l-istimi tal-varjabbli elenkati fit-Tabella 4 fl-inqas livell ġeografiku rilevanti skont is-segment tal-flotta (it-Tabella 5a) u skont il-livell 6 tal-mestieri (it-Tabella 2).

5. **Dejta soċjali u ekonomika dwar is-sajd li tippermetti l-valutazzjoni tal-prestazzjoni soċjali u ekonomika tas-settur tas-sajd tal-Unjoni.**

Dik id-dejta għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) Il-varjabbli ekonomiċi kif indikat fit-Tabella 5 A skont is-segmentazzjoni tas-settur fit-Tabella 5 B u skont is-suprareġjuni kif iddefiniti fit-Tabella 5C.

Il-popolazzjoni għandha tkun il-bastimenti attivi u inattivi kollha rreġistrati fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Unjoni kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 [2] fil-31 ta' Diċembru tas-sena tar-rapportar u l-bastimenti li ma jkunux fuq ir-Reġistru f'dik id-data iżda li jkunu stadu minn tal-inqas jum wieħed matul is-sena tar-rapportar.

Għall-bastimenti inattivi, għandu jingħabar biss il-valur kapitali u l-kost kapitali.

F'każijiet li fihom ikun hemm riskju li jiġu identifikati xi persuni fiżiċi u/jew entitajiet ġuridiċi, jista' jiġi applikat ir-raggruppament biex jiġu rrappurtati l-varjabbli ekonomiċi sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-istatistika. Jekk ikun hemm bżonn ir-raggruppament jista' jintuża wkoll sabiex jitfassal pjan ta' kampjunar li jkun statistikament validu. Din l-iskema ta' raggruppament għandha tkun konsistenti tul iż-żmien.

Id-dejta ekonomika għandha tingħabar fuq bażi annwali.

(b) Il-varjabbli soċjali kif indikat fit-Tabella 6.

Id-dejta soċjali għandha tingħabar kull tliet snin, li jibdew mill-2018.

Id-dejta dwar l-impjieg skont il-livell ta' edukazzjoni u dwar l-impjieg skont in-nazzjonalità tista' tingħabar abbażi ta' studji pilota.

---

[1] Inklużi r-rekwiżiti speċifiċi għall-RFMOs kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25).

6. **Dejta soċjali, ekonomika u ambjentali dwar l-akkwakultura marittima, u b'mod fakultattiv dwar l-akkwakultura tal-ilma ħelu, biex tippermetti l-valutazzjoni tal-prestazzjoni soċjali, ekonomika u ambjentali tas-settur tal-akkwakultura tal-Unjoni.**

Dik id-dejta għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) Il-varjabbli ekonomiċi kif indikat fit-Tabella 7 skont is-segmentazzjoni tas-settur stabbilita fit-Tabella 9.

Il-popolazzjoni għandha tkun l-impriżi kollha li l-attività primarja tagħhom hija ddefinita skont il-kodiċijiet tan-NACE ([1]) 03.21 u 03.22 tal-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Attivitajiet Ekonomiċi u li joperaw għall-profitt.

Id-dejta ekonomika għandha tingħabar fuq bażi annwali.

(b) Il-varjabbli soċjali kif indikat fit-Tabella 6.

Id-dejta soċjali għandha tingħabar kull tliet snin, li jibdew mill-2018.

Id-dejta dwar l-impjieg skont il-livell ta' edukazzjoni u dwar l-impjieg skont in-nazzjonalità tista' tingħabar abbażi ta' studji pilota.

(c) Id-dejta ambjentali dwar l-akkwakultura kif indikat fit-Tabella 8 biex tippermetti l-valutazzjoni ta' aspetti tal-prestazzjoni ambjentali tagħha.

Id-dejta ambjentali tista' tingħabar abbażi ta' studji pilota u tiġi estrapolata biex tindika totali rilevanti għall-volum totali ta' ħut prodott fl-Istat Membru.

Id-dejta ambjentali għandha tingħabar kull sentejn.

KAPITOLU IV

Stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar

1. Minn tal-inqas għandu jitwettaq l-istħarriġ kollu tar-riċerka fuq il-baħar elenkat fit-Tabella 10, diment li rieżami tal-istħarriġ ma jwassalx għall-konklużjoni li stħarriġ ma jkunx xieraq iżjed għall-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-istokkijiet u l-ġestjoni tas-sajd. Abbażi tal-istess kriterji xjentifiċi ta' rieżami, jista' jiġi miżjud xi stħarriġ ġdid f'din it-Tabella.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, bħala parti mill-pjanijiet ta' ħidma ddefiniti fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-istħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar li jrid jitwettaq u għandhom ikunu responsabbli għal dan l-istħarriġ.

3. Il-kontribuzzjoni rispettiva tal-Istati Membri għal stħarriġ ta' riċerka internazzjonali għandha tiġi kkoordinata fl-istess reġjun marittimu.

4. Fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu kontinwità ma' disinji preċedenti ta' stħarriġ.

KAPITOLU V

Livelli limitu

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għas-sajd tal-Unjoni.

2. Ma hemm bżonn tingħabar l-ebda dejta bijoloġika jekk għal ċertu stokk jew speċi ta' ħut:

(a) is-sehem ta' Stat Membru tal-qabda totali permissibbli (TAC) relatata jkun inqas minn 10 % tat-total tal-Unjoni, jew

([1]) Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

(b) f'każ li l-ebda TAC ma tkun ġiet iffissata, il-ħatt totali ta' Stat Membru ta' stokk jew ta' speċi jkun inqas minn 10 % tal-ħatt totali medju tal-UE fit-tliet (3) snin ta' qabel, jew

(c) il-qabda annwali totali ta' Stat Membru ta' speċi tkun inqas minn 200 tunnellata. Għal speċijiet bi ħtieġa ta' ġestjoni speċifika, jista' jiġi ddefinit livell limitu iżjed baxx fil-livell tar-reġjun marittimu.

Meta s-somma tal-kwoti rilevanti ta' diversi Stati Membri, li s-sehem tagħhom ta' TAC ikun inqas minn 10 %, tkun ogħla minn 25 % tas-sehem tat-TAC ta' ċertu stokk, il-livell limitu ta' 10 % imsemmi f'(a) ma għandux japplika u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kondiviżjoni tal-kompiti fil-livell reġjonali sabiex jiżguraw li l-istokk ikun kopert bil-kampjunar skont il-ħtiġijiet tal-utent finali.

L-ebda livell limitu ma għandu japplika għall-ispeċijiet pelaġiċi kbar u għall-ispeċijiet anadromi u katadromi.

3. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet iżjed speċifiċi relatati ma' obbligi internazzjonali skont l-RFMOs, ma hemm bżonn tinġabar l-ebda dejta bijoloġika jekk għal ċertu stokk ta' ħut sfruttat b'mod internazzjonali għajr l-istokkijiet ta' speċijiet pelaġiċi kbar jew ta' speċijiet li jpassu ħafna, is-sehem tal-Unjoni jkun inqas minn 10 %.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-istimi tal-qabdiet minn stħarriġ eżistenti dwar is-sajd rikreattiv, inkluż l-istħarriġ imwettaq skont il-Qafas għall-Ġbir tad-Dejta jew studju pilota addizzjonali, fi żmien sentejn mid-data li fiha din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ. Dan l-istħarriġ għandu jippermetti l-valutazzjoni tas-sehem ta' qabdiet mis-sajd rikreattiv imqabbel mal-qabdiet kummerċjali għall-ispeċijiet kollha f'reġjun marittimu li għalihom huma meħtieġa stimi dwar il-qabdiet tas-sajd rikreattiv skont dan il-Programm Multiannwali tal-Unjoni. It-tfassil u d-dimensjoni sussegwenti tal-istħarriġ nazzjonali dwar is-sajd rikreattiv, inkluż kwalunkwe livell limitu għall-ġbir tad-dejta, għandhom jiġu kkoordinati fil-livell tar-reġjun marittimu u għandhom ikun abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent finali.

L-ebda limitu massimu ma għandu japplika għal qabdiet rikreattivi ta' stokkijiet tal-ħut li huma soġġetti għall-irkupru jew għal pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali bħal dawk li japplikaw għal speċijiet pelaġiċi kbar u speċijiet li jpassu ħafna.

5. Ma hemm bżonn li tinġabar l-ebda dejta soċjali u ekonomika dwar l-akkwakultura jekk il-produzzjoni totali tal-Istat Membru tkun inqas minn 1 % tal-volum u tal-valur tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Ma hemm bżonn li tinġabar l-ebda dejta dwar l-akkwakultura għal speċijiet li jammontaw għal inqas minn 10 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-Istat Membru skont il-volum u l-valur. Barra minn hekk, l-Istati Membri bi produzzjoni totali ta' inqas minn 2,5 % tal-volum u tal-valur tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Unjoni jistgħu jiddefinixxu metodoloġija simplifikata bħal studji pilota bil-ħsieb li jestrapolaw id-dejta meħtieġa għal speċijiet li jammontaw għal aktar minn 10 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-Istati Membri skont il-volum u l-valur.

Id-dejta ta' referenza għandha tkun l-aħħar sottomissjoni tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u d-dejta korrispondenti ppubblikata mill-Eurostat.

6. Ma hemm bżonn li tinġabar l-ebda dejta ambjentali dwar l-akkwakultura meta l-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Istat Membru tkun inqas minn 2,5 % tal-volum u tal-valur tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Unjoni.

Id-dejta ta' referenza għandha tkun l-aħħar sottomissjoni tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-dejta korrispondenti ppubblikata mill-Eurostat.

7. Il-parteċipazzjoni (fiżika jew finanzjarja) ta' Stat Membru fi stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar elenkat fit-Tabella 10 mhijiex obbligatorja meta s-sehem tiegħu minn TAC tal-Unjoni tal-ispeċi fil-mira tal-istħarriġ ikun inqas mil-livell limitu ta' 3 %. Meta ma tiġi ffissata l-ebda TAC, il-parteċipazzjoni (fiżika jew finanzjarja) ta' Stat Membru fi stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar mhijiex obbligatorja meta s-sehem tiegħu mill-ħatt totali tal-Unjoni tat-tliet (3) snin preċedenti ta' stokk jew ta' speċi jkun inqas mil-livell limitu ta' 3 % Il-livelli limitu għall-ispeċijiet imħallta u l-istħarriġ dwar l-ekosistemi jistgħu jiġu ddefiniti fil-livell tar-reġjun marittimu.

8. Minkejja l-punti 2 sa 7, fl-istess reġjun marittimu, l-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar livelli limitu alternattivi.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1).

DEJTA BIJOLOĠIKA

Tabella 1A

Stokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES [1], tal-IBSFC [2] jew tal-FAO [3]) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Lvant tal-Artiku, Baħar Norveġiż u l-Baħar Barentsz		
Sallura Ewropea	*Anguilla anguilla*	I, II
Tusk	*Brosme brosme*	I, II
Aringa Atlantu-Skandjana	*Clupea harengus*	I, II
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	I, II
Kapelin	*Mallotus villosus*	I, II
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	I, II
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	I-II
Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	I, II
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	I, II
Ħalibatt tal-Groenlandja	*Reinhardtius hippoglossoides*	I, II
Salamun	*Salmo salar*	I, II
Kavall	*Scomber scombrus*	II
Golden Redfish	*Sebastes marinus.*	I, II
Redfish tal-Baħar Fond	*Sebastes mentella.*	I, II
Sawrell	*Trachurus trachurus*	IIa,
Skagerrak u Kattegat		
Ċiċċirell	*Ammodytidae*	IIIa
Sallura Ewropea	*Anguilla anguilla*	IIIa
Aringa	*Clupea harengus*	IIIa/22-24, IIIa
Roundnose grenadier	*Coryphaenoides rupestris*	IIIa
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	IIIa
Żumbrell għadma	*Aspitrigla cuculus*	IIIa,

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	IIIaN
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	IIIaS
Barbun ilsien il-kelb	*Glyptocephalus cynoglossus*	IIIa
Barbun	*Limanda limanda*	IIIa
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	IIIa
Merlangu	*Merlangius merlangus*	IIIa
Merluzz	*Merluccius merluccius*	IIIa,
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	IIIa
Skampu	*Nephrops norvegicus*	Unità funzjonali
Gambli tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	IIIa
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	IIIa
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	IIIa
Salamun	*Salmo salar*	IIIa
Barbun imperjali	*Psetta maxima*	IIIa
Kavall	*Scomber scombrus*	IIIa
Partun	*Scophthalmus rhombus*	IIIa
Lingwata	*Solea solea*	IIIa
Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	IIIa
Marlozz tan-Norveġja	*Trisopterus esmarki*	IIIa
Il-klieb il-baħar, ir-raj u r-rebek-kini kummerċjali kollha (4)	*Selachii, Rajidae*	IIIa
Il-Baħar Baltiku —		
Sallura Ewropea	*Anguilla anguilla*	22-32
Aringa	*Clupea harengus*	22-24/25-29, 32/30/31/il-Golf ta' Riga
Whitefish komuni/houting	*Coregonus lavaretus*	IIId
Vendace	*Coregonus albula*	22-32
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	22-24/25-32

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Barbun	*Limanda limanda*	22-32
Perċa	*Perca fluviatilis*	IIId
Barbun	*Platichthys flesus*	22-32
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	22-32
Barbun imperjali	*Psetta maxima*	22-32
Salamun	*Salmo salar*	22-31/32
Trota tal-baħar	*Salmo trutta*	22-32
Lizz-perċa	*Sander lucioperca*	IIId
Barbun lixx	*Scophthalmus rhombus*	22-32
Lingwata	*Solea solea*	22
Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	22-32
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Fliegu tal-Lvant		
Sallura tar-ramel	*Ammodytidae*	IV
Catfish	*Anarhichas* spp.	IV
Sallura Ewropea	*Anguilla anguilla*	IV, VIId
Arġentina	*Argentina* spp.	IV
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	IV
Tusk	*Brosme brosme*	IV
Aringa	*Clupea harengus*	IV, VIId
Gamblu tar-ramel	*Crangon crangon*	IV, VIId
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	IV, VIId
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	IV
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	IV, VIId
Barbun ilsien il-kelb	*Glyptocephalus cynoglossus*	IV
Ċippullazza tal-għajn	*Helicolenus dactylopterus*	IV
Lingwata tal-għajnejn	*Lepidorhombus boscii*	IV, VIId

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Ċippullazza tal-għajn	*Lepidorhombus whiffiagonis*	IV, VIId
Barbun	*Limanda limanda*	IV, VIId
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	IV, VIId
Petriċa kbira	*Lophius piscatorius*	IV
Roughhead grenadier	*Macrourus berglax*	IV
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	IV
Merlangu	*Merlangius merlangus*	IV, VIId
Merluzz	*Merluccius merluccius*	IV VII
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	IV, VIId
Lingwata ta' ħalq żgħir	*Microstomus kitt*	IV, VIId
Linarda	*Molva dypterygia*	IV
Lipp	*Molva molva*	IV
Trilja tal-ħamra	*Mullus barbatus*	IV, VIId
Trilja tal-faxxi	*Mullus surmuletus*	IV, VIId
Skampu	*Nephrops norvegicus*	l-unitajiet kollha funzjonali
Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	IVa Lvant/IVa/IV
Common scallop	*Pecten maximus*	VIId
Lipp Abjad	*Phycis blennoides*	IV
Lipp tal-qawwi	*Phycis phycis*	IV
Barbun	*Platichthys flesus*	IV
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	IV
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	VIId
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	IV
Barbun imperjali	*Psetta maxima*	IV, VIId
Ħalibatt tal-Groenlandja	*Reinhardtius hippoglossoides*	IV

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Salamun	*Salmo salar*	IV, VIId
Kavall	*Scomber scombrus*	IV, VIId
Barbun lixx	*Scophthalmus rhombus*	IV, VIId
Redfish	*Sebastes mentella.*	IV
Lingwata	*Solea solea*	IV
Lingwata	*Solea solea*	VIId
Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	IV/VIId
Sawrella	*Trachurus trachurus.*	IV, VIId
Gallinetta	*Trigla lucerna*	IV
Merluzz tan-Norveġja	*Trisopterus esmarki*	IV
Pixxi San Pietru	*Zeus faber*	IV, VIId
Il-klieb il-baħar, ir-raj u r-rebek-kini kummerċjali kollha (4)	*Selachii, Rajidae*	IV, VIId
Il-Grigal tal-Atlantiku u l-Fliegu tal-Punent		
Smoothhead	*Alepocephalus bairdii*	VI, XII
Sallura tar-ramel	*Ammodytidae*	VIa
Minfaħ	*Capros aper*	V, VI,VII
Arzella	*Pecten maximus*	IV, VI, VII
Mrewħa	*Aequipecten opercularis*	VII
Għaġuża	*Maja squinado*	V, VI,VII
Sallura Ewropea	Anguilla anguilla	iż-żoni kollha
Ċinturin	*Aphanopus spp.*	iż-żoni kollha
Arġentina	*Argentina* spp.	iż-żoni kollha
Gurbell	*Argyrosomus regius*	iż-żoni kollha
Żumbrell għadma	*Aspitrigla cuculus*	iż-żoni kollha
Fonsa ħamra	*Beryx* spp.	iż-żoni kollha, minbarra X u IXa
Fonsa ħamra	*Beryx* spp.	IXa u X

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Granċ jittiekel	*Cancer pagurus*	iż-żoni kollha
Aringa	*Clupea harengus*	VIa/VIaN/ VIa S, VIIbc/VIIa/VIIj
Gringu tal-Qawwi	*Conger conger*	iż-żoni kollha, eskluża X
Gringu tal-Qawwi	*Conger conger*	X
Roundnose grenadier	*Coryphaenoides rupestris*	iż-żoni kollha
Murruna sewda	*Dalatias licha*	Iż-żoni kollha
Boll komuni	*Dasyatis pastinaca*	VII, VIII
Mazzola munqar l-għasfur	*Deania calcea*	V, VI, VII, IX, X, XII
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	iż-żoni kollha, eskluża IX
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	IX
Lingwata tar-rigi	*Dicologlossa cuneata*	VIIIc, IX
Inċova	*Engraulis encrasicolus*	IXa (Cádiz biss)
Inċova	*Engraulis encrasicolus*	VIII
Mazzola tal-fanal	*Etmopterus spinax*	VI, VII, VIII
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	VIId,e
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	Va/Vb/VIa/VIb/VIIa/VIIe-k
Witch flounder	*Glyptocephalus cynoglossus*	VI, VII
Ċippullazza tal-għajn	*Helicolenus dactylopterus*	iż-żoni kollha
Awwista	*Homarus gammarus*	iż-żoni kollha
Mera tal-Atlantiku	*Hoplostethus atlanticus*	iż-żoni kollha
Xabla	*Lepidopus caudatus*	IXa
Lingwata tal-għajnejn	*Lepidorhombus boscii*	VIIIc, IXa
Ċippullazza tal-għajn	*Lepidorhombus whiffiagonis*	VI/VII, VIIIabd/VIIIc, IXa
Barbun	*Limanda limanda*	VIIe/VIIa,f-h
Klamar	*Loligo vulgaris*	iż-żoni kollha, eskluži VIIIc, IXa
Klamar	*Loligo vulgaris*	VIIIc, IXa

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	IV, VI/VIIb-k, VIIIabd
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	VIIIc, IXa
Petriċa kbira	*Lophius piscatorius*	IV, VI/VIIb-k, VIIIabd
Petriċa kbira	*Lophius piscatorius*	VIIIc, IXa
Kapelin	*Mallotus villosus*	XIV
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	Va/Vb
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	VIa/VIb/VIIa/VIIb-k
Merlangu	*Merlangius merlangus*	VIII/IX, X
Merlangu	*Merlangius merlangus*	Vb/VIa/VIb/VIIa/VIIe-k
Merluzz	*Merluccius merluccius*	IIIa, IV, VI, VII, VIIIab/VIIIc, IXa
Lingwata tar-rigi	*Microchirus variegatus*	iż-żoni kollha
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	I-IX, XII, XIV
Lingwata ta' ħalq żgħir	*Microstomus kitt*	iż-żoni kollha
Linarda	*Molva dypterygia*	iż-żoni kollha, eskluża X
Lipp Spanjol	*Molva macrophthalma*	X
Lipp	*Molva molva*	iż-żoni kollha
Trilja tal-faxxi	*Mullus surmuletus*	iż-żoni kollha
Starry smooth-hound	*Mustelus asterias*	VI, VII, VIII, IX
Smooth-hound	*Mustelus mustelus*	VI, VII, VIII, IX
Blackspotted smooth-hound	*Mustelus punctulatus*	VI, VII, VIII, IX
Skampu	*Nephrops norvegicus*	VI Unità funzjonali
Skampu	*Nephrops norvegicus*	VII Unità funzjonali
Skampu	*Nephrops norvegicus*	VIII, IX Unità funzjonali
Qarnita komuni	*Octopus vulgaris*	iż-żoni kollha, eskluži VIIIc, IXa
Qarnita komuni	*Octopus vulgaris*	VIIIc, IXa

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Blackspot sea bream	*Pagellus bogaraveo*	IXa, X
Gambli Pandalidi	*Pandalus* spp.	iż-żoni kollha
Gamblu warda tal-ilma fond	*Parapenaeus longirostris*	IXa
Lipp Abjad	*Phycis blennoides*	iż-żoni kollha
Lipp tal-qawwi	*Phycis phycis*	iż-żoni kollha
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	VIIa/VIIe/VIIfg
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	VIIbc/VIIh-k/VIII, IX, X
Pollakkju	*Pollachius pollachius*	iż-żoni kollha ħlief IX, X
Pollakkju	*Pollachius pollachius*	IX, X
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	Va/Vb/IV, IIIa, VI
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	VII, VIII
Ħanżir tal-fond	*Polyprion americanus*	X
Barbun imperjali	*Psetta maxima*	iż-żoni kollha
Ħalibatt tal-Groenlandja	*Reinhardtius hippoglossoides*	V, XIV/VI
Ħalibatt tal-Atlantiku	*Hippoglossus hippoglossus*	V, XIV
Salamun	*Salmo salar*	iż-żoni kollha
Sardina	*Sardina pilchardus*	VIIIabd/VIIIc, IXa
Kavall ta' Spanja	*Scomber colias*	VIII, IX, X
Kavall	*Scomber scombrus*	II, IIIa, IV, V, VI, VII, VIII, IX
Barbun lixx	*Scophthalmus rhombus*	iż-żoni kollha
Golden Redfish	*Sebastes marinus Golden redfish*	Sottożoni tal-ICES V, VI, XII, XIV & NAFO SA 2 + (Div. 1F + 3K)
Redfish tal-Baħar Fond	*Sebastes mentella*	Sottożoni tal-ICES V, VI, XII, XIV & NAFO SA 2 + (Div. 1F + 3K)
Siċċ	*Sepia officinalis*	iż-żoni kollha
Lingwata	*Solea solea*	VIIa/VIIfg
Lingwata	*Solea solea*	VIIbc/VIIhjk/IXa/VIIIc

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Lingwata	*Solea solea*	VIIe
Lingwata	*Solea solea*	VIIIab
Sea breams (fil-plural)	*Sparidae*	iż-żoni kollha
Sawrella għajnejha kbar	*Trachurus mediterraneus*	VIII, IX
Sawrella kaħla	*Trachurus picturatus*	VIII, IX, X
Sawrella	*Trachurus trachurus*	IIa, IVa, Vb, VIa, VIIa-c, e-k, VIIIabde/X
Sawrella	*Trachurus trachurus*	VIIIc, IXa
Pouting	*Trisopterus* spp.	iż-żoni kollha
Pixxi San Pietru	*Zeus faber*	iż-żoni kollha
Il-klieb il-baħar, ir-raj u r-rebek-kini kummerċjali kollha (4)	*Selachii, Rajidae*	IV, VIId
Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed		
Sallura Ewropea	*Anguilla anguilla*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Gamblu aħmar kbir	*Aristeomorpha foliacea*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Gamblu aħmar	*Aristeus antennatus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Vopa	*Boops boops*	1.3, 2.1, 2.2, 3.1, 3.2
Lampuka	*Coryphaena equiliselis*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Lampuka	*Coryphaena hippurus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Qarnita tal-qrun/innukklata	*Eledone cirrhosa*	1.1, 1.3, 2.1, 2.2, 3.1
Qarnita tal-Misk	*Eledone moschata*	1.3, 2.1, 2.2, 3.1
Inċova	*Engraulis encrasicolus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Inċova	*Engraulis encrasicolus*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	2.2, 3.1
Klamar	*Illex* spp., *Todarodes* spp.	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Billfish	*Istiophoridae*	iż-żoni kollha fil-Mediterran

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Klamar	*Loligo vulgaris*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	1.1, 1.2, 1.3, 2.2, 3.1
Petriċa kbira	*Lophius piscatorius*	1.1, 1.2, 1.3, 2.2, 3.1
Merlangu	*Merlangius merlangus*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Merluzz	*Merluccius merluccius*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	1.1, 3.1
Muletti griżi	*Mugilidae*	1.3, 2.1, 2.2, 3.1
Trilja tal-ħamra	*Mullus barbatus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Trilja tal-ħamra	*Mullus barbatus*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Trilja tal-faxxi	*Mullus surmuletus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Qarnita komuni	*Octopus vulgaris*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Skampu	*Nephrops norvegicus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Paġella	*Pagellus erythrinus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Gamblu warda tal-ilma fond	*Parapenaeus longirostris*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Caramote prawn	*Penaeus kerathurus*	3.1
Barbun imperjali	*Psetta maxima*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Sardina	*Sardina pilchardus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Kavall	*Scomber* spp.	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Siċċ	*Sepia officinalis*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Lingwata	*Solea vulgaris*	1.2, 2.1, 3.1
Awrata	*Sparus aurata*	1.2, 3.1
Pikarelli	*Spicara smaris*	2.1, 3.1, 3.2
Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Gambli Mantis	*Squilla mantis*	1.3, 2.1, 2.2
Sawrella għajnejha kbar	*Trachurus mediterraneus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)	Żona (kodiċi taż-żona tal-ICES (1), tal-IBSFC (2) jew tal-FAO (3)) li fiha jinsab l-istokk/kodiċi tal-istokk
Sawrella għajnejha kbar	*Trachurus mediterraneus*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Sawrella	*Trachurus trachurus*	iż-żoni kollha fil-Mediterran
Sawrella	*Trachurus trachurus*	Il-Baħar l-Iswed GSA 29
Gallinetta	*Trigla lucerna*	1.3, 2.2, 3.1
Gandoffla	*Veneridae*	2.1, 2.2
Makku	*Aphia minuta*	GSA 9,10,16 u 19
Sand smelt	*Atherina spp*	GSA 9,10,16 u 19
Merluzz fqir	*Trisopterus minutus*	Ir-Reġjuni Kollha
Il-klieb il-baħar, ir-raj u r-rebek-kini kummerċjali kollha (4)	*Selachii, Rajidae*	Ir-Reġjuni Kollha

(1) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar.
(2) Il-Kummissjoni Internazzjonali għas-Sajd fil-Baħar Baltiku.
(3) L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.
(4) Iridu jiġu rrappurtati fil-livell tal-ispeċijiet.

DEJTA BIJOLOĠIKA

Tabella 1B

Stokkijiet tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)
Il-Guyana Franċiża	
Red snapper	*Lutjanus purpureus*
Gambli kbar	*Farfantepenaeus subtilis*
Acoupa weakfish	*Cynoscion acoupa*
Smalltooth weakfish	*Cynoscion steindachneri*
Green weakfish	*Cynoscion virescens*
Catfishes tal-baħar	*Ariidae*
Tripletail	*Lobotes surinamensis*
Torroto grunt	*Genyatremus luteus*
Snooks	*Centropomus spp.*

Speċi (isem komuni)	Speċi (isem xjentifiku)
Ċern	*Serranidae*
Mulett	*Mugil spp.*
Guadeloupe u Martinique	
Snappers	*Lutjanidae*
Ħut imġewnaħ	*Haemulidae*
Ċern	*Serranidae*
Lion fish	*Pterois volitans*
Ħut bħat-tonn	*Scombridae*
Marlin blu	*Makaira nigricans*
Lampuka	*Coryphaena hippurus*
Il-Gżira ta' Réunion u Mayotte	
Snappers	*Lutjanidae*
Ċern	*Serranidae*
Ħut bħat-tonn	*Scombridae*
Pixxispad	*Xiphias gladius*
Billfishes oħra	*Istiophoridae*
Lampuka	*Coryphaena hippurus*
Bigeye scad	*Selar crumenophthalmus*
Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji	
Kavall għajnejh kbar tal-Atlantiku	*Scomber colias*
Laċċa	*Sardinella maderensis*
Sawrell	*Trachurus spp.*
Sardina	*Sardina pilchardus*
Marzpan	*Sparisoma cretense*
Imħar	*Patellidae*

DEJTA BIJOLOĠIKA

Tabella 1C

